MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 11**

**It-Tlieta, 18 ta' Frar 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 18 ta' Frar 2024 fit-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**11.1 Talba;**

11.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:35 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**11.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

11.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Ivana Mizzi u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 11.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

11.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

11.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

11.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 11.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

11.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 09/20025 għall-perjodi bejn 11-05 ta' Frar 2025 u t-18 ta' Frar 2025 li tammonta għal €7,230.00 ġiet approvata. Is-Segretarju infrumat lill membri preżenti li għada kif irċievit il-format il-ġdid ta kif irridu ikunu preżentati l-sekdi ta' pagamaneti u din trid tintuża minn din il-laqgħa iżda hi ma kellix ċans tadatta għal dan il-format u għalhekk talbet lil membri jiffirmaw skeda fil-format li kien jintuża biex hi tkun tista tmexxi bil-pagamenti u ser tkun qed tippreżenta l-istess skeda fil-laqagħa li jmiss bil-format il-ġdid biex tkun tista tintbgħat lid-dipartiment. Il-membri ma sabu l'ebda oġġezzjoni u iffirmaw l-sekda preżentata.

## 11.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;

11.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq jinforma lill membri li din il-laqgħa ġiet ippjanata f'perjodu daqshekk qrib il-laqgħa li għaddiet għaliex il-pjan kien li f'din il-laqgħa jiġu ippreżentati r-rapporti finanzjarji biex inkunu konformi mal-instruzzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment. Ir-rapporti ma setawx jiġu konklużi minħabba il fatt li l-informazzjoni li kellna bżonn mingħand il-perit tal-proġett ta' "Taħt ir-Railing" irċivejnija illum. Hu kompla jispjega li peress li kien hemm materji oħra li kellhom bżonn jiġu diskussa ma ipposponix il-laqgħa skedata.

11.5.2 Is-Sindku informa lil membri li hu flimkien mas-segretarju kellhom laqgħa virtwali mar-raprezentant tal-kumpanija li tieħu ħsieb l-*insurance* tal-kunsill. F'din il-laqgħa ġie spjegat lilhom xi tkopri il-polza tal-assigurazzjoni prezenti. Il-polza kienet tkopri l-binja tal-uffiċċju u s-sala tal-komunita, għalhekk s-Sindku talab uffiċjalment li din tiżdied b mod



TM

immedjat u li tkun tkopri kull parti tar-raħal. Dan il-pass ittieħed biex il-kunsill ikun kopert kemm il-darba xi persuni jfittxu lill-kunsill u dan fid-dawl ta sitwazzjonijiet li diġà qed iseħħu f'irħula oħra. Il-membri qablu u staqsew ukoll jekk l-assigurazzjoni preżenti tkunx tista tiġi estiża jew tofri kopertura għall-avvenimenti li jiġu organizzati mill-kunsill. Is-Sindku ikkonferma li dan il-punt ġie ukoll diskuss u dan jista' iseħħ kemm il darba aħna ninfurmaw lill-kumpanija minn qabel u niprezentawla ir-*Risk Assessment* flimkien ma informazzjoni dettaljata dwar l-attivita'.

11.5.3 Is-Sindku għarraf li illum ħareġ l-poster biex japplikaw it-tfal għall-*Kunsill tat-Tfal.* L-ewwel laqgħa ser issir f' Marzu. Is-Sindku issuġerixxa li lil dawk li jattendu nirregawlhom xi *merchandise* bil-*logo* tal-kunsill. Il-membri qablu.

11.5.4 Is-Sindku xtaq jinforma lil membri li Fr. Joe Bezzina li mexxa l-attivita tal-ftuħ tar-*Region of Culture,* xtaq li minflok jitħallas tas-servizz jingħata 3 kotba. Is-Sindku issuġġerixxa li jingħata 2 kotba "Il-Fontana u Ġrajjietha" li kien kiteb hu stess li iżda ma kienx ingħata l-ebda kopja tiegħu u ktieb "Mill-Album ta' Tfuliti fit-Triq tal-Għajn". Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

**11.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

11.6.1 Il-Kunsillier Joseph Mercieca infurma li kien fil-proċess li jiġbor l-istimi kif kien mitlub li jagħmel għal- *event "Sensory Day".* Kif niġu infurmati jekk l-proposta tagħna ghal-finanzjament tkunx aċċetata, nibdew nipjanaw kif ser inqasmu u liema servizzi nistaw nikkonfermaw. Ġiet diskussa data għal dan l-avveniment u ġiet ikkonfermata d-data tal- 4 ta' Mejju, 2025. Kien hemm qbil u għalhekk hekk kif is-segretarju tirċievi l-proposta u l-ispejjez relatati hi tkun qed tapplika fuq is-sistema tal-*Cultural Events Fund.*

**11.7 Korrispondenza;**

11.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li ġie estiż d-*deadline* tal-Skemi tad-Dipartiment. Il-korrispondenza relatata ser tintbgħat wara il-laqgħa .

11.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal korrispondenza mingħand l-Għadqa tal-Armar. Din il-korrispondenza titratta dwar it-tieni stadju tal-pedestall ta' Festa Tfal. L-għaqda qed titlob is-somma ta €530 biex tieħu

ħsieb tikkordina u tiżbogħ l-irħamar tal-pedestall. Il-membri qablu li nipproċedu bil-ħsieb li dan ix-xogħol ikun lest sal-festa.

11.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li is-Sur Nicky Saliba, l-uffiċjal maniġerjali fuq l-Ambjent qed jibgħat lill-kunsilli l-applikazzjonijiet tal-permessi tal-*Planning Authority* li jirrigwardjaw lill-lokalita'. Dawn qed jintbgħatu lill-membri biex ikunu aġġornati fuq l-applikazzjonijiet li jkun hemm u jekk ikun il-bżonn dawn jiġu diskussi fil-laqgħa tal-kunsill.

11.7.4 Is-Segretarju għamlet referenza għall-korrispondenza li rċevit mingħand resident dwar is-sewqan u s-sigurta fil-Fontana. Din il-korrispondenza intbgħatet lill membri tal-kunsill. Il-membri preżenti ikkonfermaw li qraw din il-korrispondeza. Is-Segretarju informat li hi kienet diġà infurmat lir-resident verbalment li *sleeping police* mhux possibbli li ssir iżda offriet li ser issemmi l-ilment jekk dan jixtieq jagħmlu formalment u hu qabel li jikteb lill-kunsill. Hi offriet ukoll li din il-korrispondenza tiġi ukoll diskussa waqt il-laqgħa ta kull xahar mal-*Community Police* li ser issir jumejn oħra u jekk jiġi mgħoti xi parir dan jiġi mgħoddi lil membri tal-kunsill.

11.7.5 Is-Segretarju għamlet referenza għall-korrispondenza li rċevit mingħand l-awtur tal-ktieb. Din waslet wara li s-segretarju bgħatet l-*email* kif kien deċiż fil-laqgħa preċedenti biex nassiguraw ruħna li l-ktieb jinbigħ mill-kunsill bl-istess prezz li qed ibigħ il-kopji tiegħu l-awtur. Il-membri ikkonfermaw li qraw l-*email* u b'hekk ġie ukoll deċiż li l-kopji tal-ktieb jinbigħu għal-prezz ta €20.

11.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal korrispondenza li irċevit mingħand is-sinjura Josianne Cassar. Din l-email ntbgħatet lid-direttur u li fiha hi nfurmatu li l- *Performance Appraisal* ma ġiex diskuss magħha. Dan jirrizulta mill fatt li hi qed tikkontesta l-persentaġ li ġie mgħoti. Is-Segretarju nfurmat lil membri preżenti li dwar dan hi diġà kienet tkellmet mad-direttur, u hi kienet qed timxi fuq l-informazzjoni miġjuba mingħandu. Hi għamlet referenza għal gwida li ngħatat ftit minuti qabel il bidu ta din il-laqgħa u li għal maġġur parti ta din l-konverzazjoni kien hemm preżenti ukoll wieħed mill kunsilliera. Is- Segretarju staqsiet lil membri preżenti jekk id-deċizjoni li ttieħdet dwar l-persentaġġ mogħti lis-sinjura Cassar hijiex finali, dawn ikonfermaw.

11.7.7 Issemmiet fost il-korrispondenza li ntbgħatet dik ta Project Green – inizjattiva għall kunsilli lokali dwar skema biex jiżdiedu l amont ta siġar



TM

u arbuxelli madwar il-pajjiz. Biex il-kunsill jidentifika postijiet fejn jista jitħawlu siġar jew arbuxelli.

11.7.8 Is-Segretraju ġibdet l-attenzjoni tal-membri li l-*handyman* tal-kunsill baqalu 72 *hrs leave* minn tas-sena 2024. Hi spjegat kif fid-dawl taċ-ċirkostanzi preżenti tixtieq tipproponi li dawn is-sigħat jiġu mħallsa peress li ma tarax li fil-prattika tista' izzidhom mas-sigħat ta din is-sena. Il-kunsill qabel.

11.7.9 Waqt li kien qed jiġi diskuss punt numru 11.7.8 issemma l-punt li naraw kif nistaw immexxu l-quddiem billi nagħqdu l-fondi allokati għal-imaniġjar tal-latrina pubblika u minflokk ninpjegaw ħaddiem *part-time.* Waqt din id-diskussjoni ġie imsemmi li l-persuna li fil preżent qed tieħu ħsieb il-latrina qeda tagħmel dan b'tender li kien ingħata. Is-Segretarju ma kienitx infurmata b'dan u kienet ser tfittex dwar dan il-punt. Wara li tqajmu dawn il-punti kollha ġie propost li naraw jekk il-*handyman* preżenti ssibx oġġezzjoni li hu flimkien mal-ħaddiem li jiġi mpjegat jieħdu ħsieb tal- ftuħ u għeluq flimkien mat-tindif tal-latrina. Ġie deċiż li qabel ma titieħed deċiżjoni finali fuq dan il punt terġa tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss.

11.7.10 Resident ġibed l-attenzjoni dwar l-*parking bays* ta' Triq Għajn Tuta. Hu xtaq jiġbed l-attenzjoni dwar *disabled parking bay* li kien ġie miżbugħ bl-iswed u biz-zmien iz-zebgħa bjadet u għandu bżonn jerġa jiġi miżbugħ. Hu irrakomand ukoll li l-kunsill jiżbogħ *parking bays* ġodda fl-ispazju li hemm vojt. Ġie deċiż li nagħmlu kuntatt ma TM biex naraw x'jirrikomandaw.

## 11.8 Quarterly Reports Oct – Dec 2024, Budget for 2025;

11.8.1 Is-Sindku spjega waqt il-komunikazzjoni tiegħu f'punt 11.5.1 għalfejn ma tresqux dawn ir-rapporti u infurma li kif dawn ikunu lesti isejjaħ laqgħa urġenti biex inkunu nistaw ngħadduhom lil awdituri u kif ukoll lid-dipartiment peress li kien hemm żmien stipulat sa meta kellhom jiġu mibgħuta.

## 11.9 Proġetti;

11.9.1 Is-Sindku xtaq li l-kunsill jibda jaħdem fuq il-*finishing* taċ-Ċentru Ċiviku. Għal dan il-għan is-segretarju talbet xi stimi u ippreżentat 3 stimi miġbura biex jiġu diskussi. Il-kunsill qabel li jmexxi bl-istima tal-Inġinier Simon Mizzi li kellu l-irħas stima għax-xogħol tiegħu biex jipprovdi lil kunsill

BOQ għall-*finishing* meħtieġa ta dan il-proġett. Is-Sindku spjega li hi x-xewqa tiegħu li nkunu nistaw imexxu biex il-*BOQ* tkun lesta fil-ħin biex nkunu nistaw napplikaw għall-oskema *SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità.* Il-kunsill qabel li niproċedu.

11.9.2 Is-Sindku informa lil membri li hu flimkien mas-segretarju iltaqaw mal-GAGF biex niksbu ftit informazzjoni dwar skema ta fondi mill-EU. L-idea tas-Sindku ġiet diskussa u issemmew anke ideat oħra. Ġie deċiż li nkellmu Inġinier biex naraw l-idea relatata ma l-Għajn tal-Ħasselin tistax issir u jekk tkunx viabbli u nerġaw niddiskutu dan il-punt fil-laqgħat li jmiss.

11.9.3 Is-Sindku xtaq jinforma lill membri li fil-proġett ta "Taħt ir-railing" ma hemmx inkluż *l-upgrading* tal-ħajt li jinsab taħt ir-*railing* tal-ħadid. Hu wera ix-xewqa li dan issir biex il-proġett ikun komplut. Il-kunsilliera preżenti qablu li nitolbu stimi biex naraw xi spejjez hemm involuti.

11.9.4 Dwar il-proġett ta-*CCTV cameras* ġie deċiż li s-Sindku, Thomas Mizzi flimkien mal-kunsillier Horace Micallef iservu bħala *Opening Team* fil-proċess tat-*Tender* ta dan il-proġett. Dan sar bi qbil ta dawk preżenti filwaqt li l-istess membri qablu li l-membri tal-*board* ikunu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

**11.10 Festa Tfal 2025;**

11.10.1 Is-Sindku nfurma lill membri li waqt żjara minn l-Arċipriet li kien ġie biex jirringrazzja lill kunsill għal-laqgħa sabiħa li saret mal-Isqof t' Għawdex sirna nafu li l-ħadd ta qabel il-festa ser issir il- preċett fil-parroċċa. Dan iffisser li ma nistawx inżommu mal-pjan li kelna biex dakinhar issir Festa Tfal. Ġie deċiż li nagħmlu laqgħa mal-għaqdiet biex nistabilixxu ġurnata li tkun tajba għal-kullħadd.

**11.11 Attivitajiet;**

11.11.1 Is-Sindku xtaq jiddiskuti l-punt li ssemma fil-laqgħa preċedenti dwar l-attivita' li għalija konna ser napplikaw mill-iskema tal- SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 / 2026, li konna ser nipjanawa għal-ġimgħa tal-Festa. Dan mhux possibbli peress li l-iskema tispeċifika li l-attivitajiet ma jistawx ikunu marbuta maz-zmien tal-festa tar-raħal. Is-Sindku zied iżda li din l-attivitajiet nistaw xorta norganizzawa aktar tard matul is-sena. Is-segretarju infurmat li illum kien



TM

hemm aġġornament fuq id-*deadlines* tal-iskemi. Ġie diskuss iz-zmien ideali, u wara dibattitu ġie deċiż li nipjanaw din l-attivita għal-Mejju 2026. Is-Sindku xtaq ukoll jipproponi li għal ġimgħa tal-festa norganizzaw attività fuq skala iżgħar is-Sibt ta qabel il-festa u nitolbu fondi mill-*Events in Gozo*. Il-membri qablu.

**11.12 Laqgħa tal-Lokalita';**

11.12.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li xtaq li tiġi diskussa data meta nistaw nagħmlu laqgħa tal-komunita. Is-Segretarju tat ftit tagħrif dwar l-andament ta din il-laqgħa u ġie deċiż li ssir eżatt qabel il-laqgħa tal-kunsill tax-xahar id-dieħel u dan sabiex ikunu lesti l-*Budget u* rapporti finanzjarji.

**11.13 Dekorazzjoni tal-Milied2025;**

11.13 Is-Sindku xtaq ukoll li bħala kunsill naplikaw ukoll għall iskema tal-SPI/SCI/04/2025 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025. Hu spjega kif din l-iskema tinkludi attivitajiet kif ukill it-tizjin. Minn naħħa tiegħu hu xtaq jipproponi li napplikaw għat-tizjijn u kellu f'moħħu li nagħmlu xi ħaġa oriġinali fuq iz-zuntier. Ġew diskussi diversi ideat u ġie deċiż li ser nikkonsultaw ma xi artisti biex naraw xi ideat li jistaw jofru, u l-proposti jiġu diskussi fil-laqgħat li jmiss

**11.14 Tmiem il-laqgħa;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5:28 ta' filgħaxija.

Konfermati, llum, l-Erbgħa 09 ta' April 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA